# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — IT-TIELET KTIEB TA' L-1931

## GĦALL-LETTERATURA MALTIJA

### BIĊĊA XOGĦOL TA' FEJDA

### AĦNA SA FEJN NISTGĦU NGĦINU

Trid jew ma tridx, tħoss qalbek tingħafas u xi demgħa tinġabar fuq xfar għajnejk lesta biex titgerbeb l-isfel, meta xi ħadd bil-ġuħ jitolbok loqma u int jew ma jkollokx x'tatih, jew ikollok biċċa ħobż niexfa; għaliex il-ġuħ ikreħ.

Barra mill-ġuħ tal-ħobż, hawn ukoll il-ġuħ tal-kotba; u hi ħaġa li tbikki tisma' mijiet, biex ma ngħidx eluf, ta' nies fir-rħula, li jaħasra ma jafux jaqraw ħlief bil-malti, jitolbu bil-ħniena: "Atuna ftit kotba tajba u sbieħ bil-malti, ma għandna xejn hawnhekk xi jfarraġna fil-ġranet tal-btala, u fis-sahriet "tax-xitwa", u lil dawn l-imsejknin ma jkollok xejn x'tatihom, jew ikollok kotba li meta tagħsarhom ma joħroġ ebda sugu, inkella joħroġ sugu li jkemmex il-ħalq u jdarras is-snien.

Tgħidulna: Mela ma hawnx kotba tajba bil-malti ?

Niftehmu: Il-kotba jistgħu jkunu tajbin għal ħaġa u jistgħu jkunu tajbin għal oħra; jistgħu jkunu tajbin, ingħidu aħna, għat-tagħlim tal-Kotba Mqaddsa, tal-Istorja, tad-drawwiet iržina u xierqa, tal-ħiġijiet tal-pajjiż' bil-jedd li jatu u d-dmir li jitfgħu fuq il-pajżani, u ħwejjeġ oħra li jħaddmu l-iżjed il-moħħ: jistgħu mbagħad ikunu tajbin għall-mogħdija taż-żmien, jiġifieri, li jkun fihom qari ħafif u mexxej li ma jitlob ebda taħbil il-moħħ; li jħaddem xi ftit il-qalb fix-xejriet tagħha li wirtet minn awl-id-dinja; u dan kollu miktub bi lsien tajjeb, bi kliem magħżul u sabiħ, imqassam u minsuġ bis-sengħa, u għajn min jikteb mhux biex jagħmel xi sold, iżda biex jagħmel xi ftit tal-ġid lil għajru, sew fil-ħajja ta' waħdu, sew fil-ħajja tad-dar u sew fil-ħajja mal-pajżani tiegħu.

Minn tal-ewwel sura għandna għadd sabiħ, u fi żmienna, niżżuħajr 'l Alla, ħerġin oħrajn li mhux biss ma jagħmlux għajb lil-letteratura ċkejkna ta' Malta, iżda jkattruha, isebbħuha, jorqmuha. Il-kotba tal-Iskrittura li ħerġin mill-pinna ta' Dun P.P. Saydon, u oħrajn mill-pinna tas-urs Alf. M. Galea, l-Istorja ta' Ħaż-Żabbar, l-Istorja taż-Żejtun, u l-Istorja tal-Mosta, tas-sur E. B. Vella; "Tas-Sliema u San Ġiljan," tal-Prof. Sir T. Zammit, "Duwwa għal Żmenijietna" ta' Patri G. Xerri O.P., "L-Ittri tal-Appostli" ta' Dun P. Grima, il-Konferenzi lill-Ħaddiema ta' P. Lwigi Attard, huma ftit minn dawk il-ħafna. Iżda dawn ma humiex il-kotba li għalihom tinkaram l-iżjed il-qarrejja tal-malti, l-aktar fir-rħula: jitolbu ħsieb wisq, u jitolbu xi tagħrif ieħor li bosta drabi ma jinsabx f'dawk il-qarrejja.

Minn tat-tieni sura — romanzi, stejjer qosra, buzzetti, ħrejjef u ċajt, għana u xi ftit ta' poeżija lierka—hawn ukoll; imma ftit, ftit wisq. "Ines Farruġ" ta' E. Caruana, wieħed minnhom, u aktarx l-isbaħ fost kollha; maħdum b'sengħa kbira, imżewwaq kemm tridu, ġawhra tal-Isien malti: iżda ta' dan il-ktieb ma ssibx kopja b'nemes. "Nazju Ellul" ta' Muscat Azzopardi, ieħor, u tajjeb tassew, imma tfittxu u ma ssibu. Hawn xi ftit oħra miġubin fi lsienna minn ilsna barranija u sbieħ ukoll: "Mattew Callus" ta' Muscat-Azzopardi, "Flora", "Mannarinu", "Ir-Rsir tax-xwieni" ta' Giov. Vassallo; "Flora, Martri Rumana" ta' Mons. E. Vassallo, u oħrajn midmumin fil-ġabra "Mogħdija taż-Żmien" tas-Sur Alf. M. Galea; imma nerġgħu ngħidu fejn issibhom? għamlu bħal kometi; dehru darba u għebu ħadd ma jaf għal kemm żmien.

Għalhekk hawn il-ġuħ u l-għatx tal-kotba. Għalhekk taslilna ta' sikwit, l-aktar mir-rħula; l-għajta: "Atuna ftit kotba tajba!" Jaħasra ma għandniex!

Kotba jiġru fl-idejn hawn ħemel; imma għasarhom, x'joħroġ li jistħoqqlu l-isem sabiħ ta' letteratura? Xejn, jew ftit li xejn.

Tgħid ma għadx jinqala' xi ħadd—wieħed jew ħafna—li jkun jista' u jrid jifhem dan il-ħtieġ u jmur miegħu? Kieku, ngħidu aħna, tibda ssir edizzjoni tar-rumanzi kollha tajbin li għandna u ta' oħrajn li jinkitbu, f'kotba ta' għamla waħda u daqs wieħed, karta tajba u stampa bil-għaqal, bl-alfabett u bl-ortografija tal-Għaqda ma tkunx ġrajja ta' fejda u ta' ġieħ bla tarf għal-letteratura Maltija?

Aħna, sa fejn nistgħu, ngħinu.